31993R2958

L 267/4 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 28.10.1993

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 2958/93

tas-27 ta' Ottubru 1993

li jistabbilixxi r-regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 f'dak li jirrigwardja l-arranġamenti speċifiċi għall-provvista ta' ċerti prodotti agrikoli

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2019/93 tad-19 ta' Lulju 1993 li jintroduċi miżuri speċifiċi għall-iżgħar gżejjer ta' Egew dwar ċerti prodotti agrikoli [1]), u partikolarment l-Artikolu 4 tiegħu,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru No 3813/92 tat-28 ta' Diċembru 1992 dwar l-unità ta' kontijiet u r-rati tal-kambju li għandhom jiġu wżati għall-finijiet tal-istrateġija agrikola komuni [2] u partikolarment l-Artikolu 6 tiegħu,

Billi l-miżuri li huma parjażlment iffinanzjati mill-FAEGG Sezzjoni tal-Garanziji u ntiżi sabiex jagħmlu tajjeb, f'dak li jirrigwardja l-forniment ta' ċerti prodotti agrikoli tal-Komunità, għas-sitwazzjoni ġeografika eċċezzjonali tal-iżgħar gżejjer ta' l-Eġew jikkonsistu f'benefiċċji fil-forma ta' għajnuna b'rata fissa għall-forniment ta' dawk il-prodotti fil-qafas tal-bilanċi tal-provvista, u din l-għajnuna tiġi aġġustata skond kemm il-varji gruppi ta' gżejjer li jibbenefikaw minnha, huma l-boghod;

Billi l-effetti tal-benefiċċji mogħtija fil-forma ta' għajnuna, li huma ntiżi sabiex ikopru l-ispejjeż għolja tat-tpoġġija fis-suq, għandhom jiġu trasferiti fuq il-prezzijiet mħallsa mill-utent finali; billi l-awtroritajiet Griegi għandhom jadottaw miżuri xierqa sabiex jistabbilixxu l-effetti tagħhom;

Billi l-konsum lokali ta' prodotti agrikoli li jgawdu mill-għajnuna kommunitarja, timplika li dawn il-prodotti ma jistgħux jerġgħu jintbagħtu lejn partijiet oħrajn tal-Kommunità u ma jistgħux jiġu esportati lejn pajjiżi li mhumiex membri kemm jekk mhux maħduma u wkoll wara li jiġu maħduma; billi miżuri speċjali ta' kontroll għandhom jiġu adottati għal dan l-iskop; billi l-awtoritajiet Griegi għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex dawn il-prodotti ma jerġgħux jintbagħtu jew jiġu esportati mill-ġdid u meta hemm bżonn jimponu multi/penali dwar dan;

Billi l-awtoritajiet ammistrattivi għandhom ikollhom għad-dispożizzjoni tagħhom l-istrumenti meħtieġa sabiex jassiguraw li l-arranġamenti tal-provvista jiġu wżati kif maħsub, jiġifieri li l-provvista regolari tal-prodotti lill-utent u li l-benefiċċji jilħqu lill-konsumatur lokali; billi, għal dan l-għan, l-awtoritajiet responsabbli għall-implimentazzjoni tal-proċeduri tal-provvista għandhom jiddeterminaw l-intervalli li fihom il-prodotti li għandhom ikunu pprovduti u f'liema kwantità, b'relazzjoni mal-ħwienet disponibbli għall-prodotti;

Billi l-arranġamenti għall-provvista jistgħu jiġu amministrati fuq il-bażi tal-liċenzja ta' l-importazzjoni pprovduta fir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 3719/88 [3]), kif l-aħħar emendat bir-Regolament (KEE) Nru 1963/93 [4]); billi l-ħruġ ta' dan id-dokument, minn hawn il-quddiem imsejjaħ 'ċertifikat ta' l-għajnuna', huwa soġġett għall-kondizzjoni li min japplika għalih jagħti garanzija li tkun daqs 20 % ta' l-ammont ta' l-għajnuna li tikkorrispondi għall-kwantitajiet mogħtija;

Billi għandu jkun hemm sistema ta' kontrolli tal-Kommunità fuq il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet Griegi sabiex ikun asigurat li dawn jiġu applikati kif suppost; billi għal dan l-iskop, għandu jkun hemm dispożizzjonijiet dwar il-komunikazzjoni minn żmien għal żmien lejn il-Kummissjoni;

Billi l-proċeduri għall-adozzjoni tar-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 ma ġewx imwettqa fiż-żmien stabbili hemmhekk; billi, għaldaqstant, hemm bżonn ta' dispożizzjonijiet temporanji dwar l-għoti ta' l-għajnuna għas-sena 1993; billi, għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw b'effett immedjat;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjonijiet tal-Kumitati ta' Ġestjoni kollha relevanti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

1. Ir-rata fissa referuta fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93 hija hawn stabbilita għall-prodotti kollha referuti fl-Anness tar-Regolament imsemmi, għal:

— ECU 15/tunnellata għall-kunsinni lill-gżejjer fil-grupp A referuti fl-Anness I,

— ECU 30/tunellata għall-kunsinni lill-gżejjer fil-grupp B referuti fl-Anness II,

[1]) ĠU L 184, tas-27.7.1993, p. 1.
[2]) ĠU L 387, tal-31.12.1992, p. 1.
[3]) ĠU L 331, tat-2.12.1988, p. 1.
[4]) ĠU L 177, tal-21.7.1993, p. 19.

2. B'danakollu, għall-frott u l-ħxejjex, l-ammonti ta' l-għajnuna referuta hawn fuq għandhom jitnaqqsu skond it-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 3(2) tar-Regolament (KEE) Nru 2019/93, mill-1994.

3. L-għajnuna għandha titħallas fuq talba tal-persuna kkonċernata u fuq il-preżentazzjoni ta' ċertifikat ta' l-għajnuna li fuqu jkunu saru n-notamenti meħtieġa.

L-awtoritajiet Griegi għandhom jistabbilixxu l-iskadenzi għall-preżentazzjoni ta' l-applikazzjonijiet taċ-ċertifikati u jistgħu jagħmlu dispożizzjonijiet għall-formola speċjali ta' l-applikazzjoni.

4. L-applikazzjoni għandha tkun ippreżentata mhux aktar tard minn 12 il-xahar wara d-data tan-notamenti, apparti milli f'każ ta' *force majeure*. Jekk l-applikazzjoni ssir wara l-iskadenza ta' dan il-perjodu iżda matul is-sitt xhur ta' wara, l-għajnuna mħallsa għandha tkun ta' 85 % ta' dik li tkun saret l-applikazzjoni dwarha.

L-għajnuna għandha titħallas mill-awtoritajiet Griegi mhux aktar tard minn xaharejn wara d-data meta l-applikazzjoni tkun saret, apparti meta:

(a) f'każ ta' *force majeure*;

jew

(b) Meta tkun ġiet miftuħa inkjesta amministrattiva dwar l-għajnuna. F'dawn il-każi, il-ħlas għandu biss isir meta d-dritt ikun rokonoxxut.

5. Iċ-ċertifikat ta' l-għajnuna għandu jsir fuq il-formola tal-liċenzja ta' l-importazzjoni stabilita fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88.

L-Artikoli 8(3) u (5), 9, 10, 13 sa 16, 19, 20 u 21, 24 sa 31 u 33 sa 37 tar-Regolament (KEE) Nru 3719/88 japplikaw, *mutatis mutandis*, soġġetti għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

6. In-notament 'Iċ-ċertifikat ta' l-għajnuna Grupp A' jew 'Iċ-ċertifikat ta' l-għajnuna Group B' għandhom jiġu stampati jew ittimbrati fil-kaxxa 20 (partikolaritajiet speċjali) taċ-ċertifikat.

Il-Kaxxi 7 u 8 taċ-ċertifikat għandhom jinqatgħu.

7. Iċ-ċertifikat ta' l-għajnuna għandu jinħareġ fuq talba tal-partijiet ikkonċernati, soġġett għall-kwantitajiet li hemm provvediment dwarhom fil-bilanċ previst tal-fornitura, mill-awtoritajiet innominati mill-Greċja. L-awtoritajiet Griegi jistgħu jistabbilixxu limiti taż-żmien għall-ħruġ taċ-ċertifikati.

8. Il-ħruġ ta' ċertifikati ta' l-għajnuna huma soġġetti għall-kundizzjoni li tingħata garanzija, fl-ammont li għandu jkun egwali għal 20 % ta' l-ammont ta' l-għajnuna applikabbli.

Jekk l-applikazzjoni teċċedi l-kwantitajiet disponibbli għall-perjodu f'dak il-każ, l-kwantitajiet mitluba għandhom ikunu mnaqsa permezz ta' koeffiċjent standard ta' tnaqqis.

9. Iċ-ċertifikat ta' l-għajnuna għandu jkun ippreżentat lill-awtoritajiet tal-post tad-destinazzjoni fl-istess żmien li l-awtoritajiet Griegi jagħmlu n-notamenti relevanti fuq iċ-ċertifikat ta' l-għajnuna għall-prodott li huwa marbut magħhom. L-awtoritajiet Griegi għandhom jiktbu n-notamenti relevanti fuq iċ-ċertifikat ta' l-għajnuna.

10. Għandha tingħieb prova li ċ-ċertifikat ta' l-għajnuna ikun ġie fornut fi żmien 30 jum wara l-iskadenza tal-perjodu tal-validità taċ-ċertifikat, apparti milli f'każi ta' *force majeure*.

L-Artikolu 2

Ir-rata li għandha tintuża għall-kambju ta' l-għajnuna referuta fl-Artikolu 1(1) fil-munita nazzjonali hija r-rata tal-kambju agrikolu applikabbli fil-jum li l-kwantitajiet relevanti jiġu debitati fuq iċ-ċertifikati ta' l-għajnuna mill-awtoritajiet Griegi.

L-Artikolu 3

1. Fil-każ ta' trasferiment tal-prodott jew taċ-ċertifikat lill-parti oħra, d-detentur taċ-ċertifikat ta' l-għajnuna għandu jinkludi fil-kuntratt klawsola li tiggarantixxi li l-benefiċċji tal-miżura ikunu sejrin jingħataw lill-utent finali.

Tali klawsola għandha tkun inkluża fil-kuntratti sussegwenti li jirrigwardjaw il-prodott.

2. L-awtoritajiet Griegi għandhom jieħdu l-passi kollha xierqa sabiex jivverifikaw li l-benefiċċji meħuda mill-għotja ta' l-għajnuna jiġu trasferiti.

3. Meta l-benefiċċji ma jiġux trasferiti, l-awtoritajiet Griegi:

— għandhom jirkupraw parti minn jew il-benefiċċju kollu mid-detentur taċ-ċertifikat,

— jistgħu skond il-gravità tan-nuqqas milli jwettqu l-obbligi, temporanjament jew definittivament jillimitaw jew jissospendu d-dritt li ssir applikazzjoni għal ċertifikati ta' l-għajnuna.

4. Għall-iskopijiet tal-ewwel inċiż tal-paragrafu 3:

— d-detentur taċ-ċertifikat ta' l-għajnuna għandu jkun meqjus li jkun irċieva l-benefiċċju mogħti,

— il-benefiċċju mogħti għandu jkun daqs l-ammont ta' l-għajnuna.

L-Artikolu 4

1. L-awtoritajiet Griegi għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa sabiex ma jħallux li l-prodotti jiġu mibgħuta mill-ġdid lejn partijiet oħra tal-Kommunità u li ma jiġux esportati lejn pajjiżi terzi, kemm bħala prodotti maħduma jew mhux maħduma, li jkunu benefikaw mill-arranġamenti dwar il-forniment u għandhom jikkomunikaw dawn id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-1 ta' Frar 1994.

2. Għall-iskopijiet tal-paragrafu 1, jekk prodott jintbagħat mill-ġdid lejn destinazzjonijiet il barra mill-gżejjer tal-Grupp A jew il-barra mill-gżejjer tal-Grupp B, dan għandu jikkostitwixxi dispaċċ mill-ġdid lejn parti oħra tal-Komunità.

L-Artikolu 5

L-awtoritajiet Griegi għandhom jinnotifikaw lill-Kummisjoni mhux aktar tard mill-aħħar jum ta' kull xahar bl-informazzjoni dwar ix-xahar preċedenti maqbuż wieħed, skond il-prodott:

— il-kwantitajiet li dwarhom tkun saret l-applikazzjoni għaċ-ċertifikati ta' l-għajnuna,

— in-numru ta' każi meta ċ-ċertifikati ta' l-għajnuna ma jkunux ġew użati u l-kwantitajiet involuti,

għandhom jimtlew separatament għal kull grupp ta' gżejjer reċipjenti.

L-Artikolu 6

Għajnuna għall-kwantitajiet ta' prodotti li mogħtija fl-estimi tal-1993 dwar il-bilanċi tal-provvista, għandhom jiżdiedu bħala kumpens u rifużjoni tal-ispejjeż tal-forniment, b'ammont egwali għal 50 % tar-rata fissa stabbilita; iż-żieda tapplika għall-konsennji mwettqa sal-31 ta' Diċembru 1993 l-aktar tard.

L-Artikolu 7

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Ottubru 1993.

Għall-Kummissjoni

René STEICHEN

Membru tal-Kummissjoni

L-ANNESS I

Lista ta' gżejjer u 'n-nomos' taħt il-Grupp A:

(L-Artikolu 1)

— Thassos,

— Samothrace,

— Sporades,

— Kythira,

— Antikythira,

— Amoliani,

— il-gżejjer tan-nomos tal-Evia, li ma jinkludux il-gżira ta' Evia,

— il-gżejjer li ġejjin tan-nomos ta' Kiklades:
  — Kea
  — Kythnos
  — Giaros
  — Andros
  — Tinos
  — Syros
  — Mykonos
  — Dilos
  — Rinia.

L-ANNESS II

Lista ta' gżejjer u 'n-nomos' taħt il-Grupp B:

(L-Artikolu 1)

— In-Nomos ta' Dodekanisa (Dodecanese),

— Khios,

— Lesvos (Lesbos),

— Samos,

— il-gżejjer tan-nomos ta' Kiklades li m'humiex inklużi fil-Grupp A.
